Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15003/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0393(COD)**

**SOC 736**
**ANTIDISCRIM 180**
**MIGR 372**
**FREMP 313**
**TRANS 473**
**SPORT 44**
**CULT 144**
**CODEC 2039**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Ottubru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 698 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li testendi d-Direttiva [XXXX] għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 698 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 698 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2023
COM(2023) 698 final

2023/0393 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li testendi d-Direttiva [XXXX] għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b’diżabilità fis-6 ta’ Settembru 2023[1].

Dik il-proposta tistabbilixxi l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni għal dawk il-kards għal persuni b’diżabilità meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor għal perjodu qasir. Din tinkludi mudell standardizzat komuni għal Kard tal-UE tad-Diżabilità bħala prova ta’ status ta’ diżabilità rikonoxxuta u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b’diżabilità bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet u għall-faċilitajiet ta’ parkeġġ irriżervati għall-persuni b’diżabilità.

Ir-rikonoxximent reċiproku ta’ dawk iż-żewġ kards imsemmija hawn fuq fl-Istati Membri kollha għandu jagħmilha aktar faċli għall-persuni b’diżabilità (jew dawk li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom), meta jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru ieħor biex jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċjali u/jew mit-trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew minn awtoritajiet pubbliċi meta jaċċessaw servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, f’varjetà ta’ oqsma ta’ politika, bħall-kultura, id-divertiment, it-turiżmu, l-isport, it-trasport pubbliku u privat, u l-edukazzjoni, kif ukoll l-aċċess għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għal persuni b’diżabilità, taħt termini u kundizzjonijiet ugwali għar-residenti b’diżabilità rikonoxxuta, u b’hekk il-persuni b’diżabilità jingħataw is-setgħa li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta’ moviment liberu fl-UE kollha b’mod sħiħ u effettiv.

Meta jitqiesu l-objettivi multipli u interkonnessi ta’ din l-inizjattiva, l-użu ta’ bażijiet legali differenti, jiġifieri l-Artikoli 53(1) u 62, l-Artikolu 91 u l-Artikolu 21(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), tqies bħala l-aktar adegwat u xieraq għall-proposta msemmija hawn fuq.

Madankollu, din il-bażi legali li tiżgura l-usa’ kopertura possibbli tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għar-remunerazzjoni, f’varjetà ta’ oqsma ta’ politika, tkopri biss liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom (skont liema tkun in-nazzjonalità tagħhom) meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu f’konformità mar-regoli tal-Unjoni.

Għalhekk, meta tiġi adottata l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b’diżabilità, u bil-għan li jiġi ggarantit trattament ugwali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi maċ-ċittadini tal-UE, il-Kummissjoni esprimiet l-intenzjoni tagħha li tressaq att legali separat li jestendi l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dik il-proposta għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta’ Stat Membru li ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dik id-Direttiva, li l-istatus ta’ diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f’konformità mad-dritt tal-Unjoni[2].

Din il-proposta l-ġdida ssegwi dik l-intenzjoni u għandha l-għan li tiżgura li l-istess qafas kif stabbilit fil-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b’diżabilità japplika għal dawk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’diżabilità, li ma humiex diġà koperti minnha, meta jivvjaġġaw jew jiċċaqilqu lejn Stat

[1] COM(2023) 512 final

[2] Ara Memorandum ta’ Spjegazzjoni, p. 5.

Membru ieħor għal perjodu qasir. Għalhekk, se tiżgura li tapplika għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u li għandhom diżabilità jew għal persuni li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom , se tiżgura li jiġu ttrattati bl-istess mod bħaċ-ċittadini tal-UE (u l-membri tal-familja tagħhom). Għalhekk, se tgħin biex jiġi ssimplifikat il-piż għall-Istati Membri filwaqt li jiġu rrispettati l-obbligi nazzjonali tagħhom ta' trattament ugwali u nondiskriminazzjoni vis-à-vis ċittadini ta' pajjiżi terzi b'diżabilità li jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom. Fl-istess ħin, ir-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istati Membri kollha, se jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw fl-UE f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u jiżgura parteċipazzjoni u inklużjoni aktar effettivi u inklużivi fis-soċjetà ta' persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq bażi ugwali ma' oħra.

Konsegwentement, meta jivvjaġġaw jew jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor għal perjodu qasir, se jkollhom (1) l-istess drittijiet, koperti mill-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, fir-rigward tal-eliġibbiltà u l-ħruġ tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità fl-Istat Membru li fih jirrisjedu legalment u jingħataw (2) aċċess ugwali fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ, kif ukoll (3) kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 21(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru jistgħu jiċċaqilqu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik il-Konvenzjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli għall-persuni b'diżabilità, li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, meta jivvjaġġaw jew jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor għal perjodu qasir (jew dawk li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom), li jkun jista' jkollhom aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali disponibbli u/jew minn trattament preferenzjali meta jaċċessaw servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni, taħt kundizzjonijiet ugwali għar-residenti b'diżabilità, u/jew dawk li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, u b'hekk **tiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw** fl-UE, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija, minħabba restrizzjonijiet ta' bażi legali, ma setgħux diġà jiġu inklużi/koperti mill-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, l-inizjattiva kurrenti se tiżgura wkoll li l-istess drittijiet u benefiċċji bħaċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja

tagħhom (skont in-nazzjonalità tagħhom) kif koperti minn dik il-proposta jkunu jistgħu jingħataw lilhom bl-istess termini u kundizzjonijiet, sal-punt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, meta jivvjaġġaw jew jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor għal perjodu qasir.

Il-proposta se tappoġġa wkoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027[3], li jirrikonoxxi li l-migranti b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw forom multipli ta' diskriminazzjoni fil-ħajja ta' kuljum tagħhom fl-iskola, fil-viċinat u fuq ix-xogħol u jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 79(2), il-punt (b) tat-TFUE jipprevedi l-bażi legali meħtieġa biex tinħareġ il-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità lil ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Skont il-Protokoll 21 anness mat-Trattati, l-Irlanda tsta' tinnotifika lill-Kunsill, fi żmien tliet (3) xhur wara li proposta jew inizjattiva tkun ġiet ippreżentata, jew fi kwalunkwe ħin wara l-adozzjoni tagħhom, li jixtiequ jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' xi miżuri proposti bħal dawn. Skont il-Protokoll 22 anness mat-Trattati, id-Danimarka ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' miżuri bbażati fuq dan l-Artikolu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta diġà adottata għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, li ma humiex diġà koperti minnha, iżda li huma legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Bħal fil-każ tal-proposta msemmija, li hija kkomplementata minn din l-inizjattiva, il-problemi identifikati għandhom dimensjoni transfruntiera li ma tistax tiġi solvuta mill-Istati Membri waħedhom, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-forma u l-kontenut tal-proposta ma jaqbżux jew ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu l-objettivi varji u interkonnessi tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-bażi ġuridika identifikata, b'mod partikolari l-Artikolu 79(2), il-punt (b) tat-TFUE, u l-fatt li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta diġà adottata għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, Direttiva titqies bħala l-istrument xieraq, proporzjonat u effettiv biex jintlaħaq l-objettiv(i) tal-inizjattiva kurrenti.

---

[3] SWD(2020) 290 final.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Meta kienet qed titħejja l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, ġiet ikkonsultata firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati internazzjonali, tal-UE u nazzjonali, jiġifieri (i) dawk b'interess fil-kwistjoni (eżempju, l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, il-fornituri tas-servizzi, l-NGOs); (ii) benefiċjarji potenzjali tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità (eżempju, persuni b'diżabilità, assistenti personali); u (iii) esperti (eżempju, riċerkaturi, konsulenzi u konsulenti, organizzazzjonijiet internazzjonali).

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kienet tinkludi: (a) konsultazzjoni pubblika, (b) intervisti strateġiċi u (c) immirati, (d) stħarriġ online mmirat, (e) tliet workshops online, (f) sitt gruppi fokali ma' fornituri ta' servizzi minn Stati Membri magħżula u (g) sitt studji tal-każijiet. Il-partijiet ikkonċernati setgħu jibagħtu wkoll kummenti dwar (h) is-sejħa għall-evidenza tal-Kummissjoni.

Sa fejn ikun possibbli, il-proposta kurrenti tqis l-informazzjoni u d-*data* miġbura f'dak il-kuntest[4].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt addizzjonali għal din il-proposta. Dan għaliex il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità vvalutat is-sitwazzjoni tal-persuni kollha b'diżabilità fl-UE li jivvjaġġaw għal perjodi qosra lejn Stati Membri oħra, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, l-analiżi u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta msemmija japplikaw u huma rilevanti wkoll għal din il-proposta.

L-impatt ambjentali tal-għażliet ta' politika kkombinati fuq il-bażi tal-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità nnifisha tqies li x'aktarx ikun insinifikanti, filwaqt li dan ikun jinvolvi impatti diġitali pożittivi limitati. L-għażliet ta' politika ppreferuti wkoll ma kinux mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività u l-SMEs u l-kostijiet amministrattivi mistennija għan-negozji jkunu marġinali. Dawn il-valutazzjonijiet japplikaw ukoll għall-inizjattiva kurrenti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta mistennija jkollha impatti soċjali pożittivi u impatti pożittivi qawwija fuq l-iżgurar tad-drittijiet fundamentali fl-UE (b'mod partikolari l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità u l-iffaċilitar tal-possibbiltajiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'diżabilità li jivvjaġġaw jew li jiċċaqilqu lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhux se jkollha implikazzjonijiet baġitarji addizzjonali għall-baġit tal-UE. Kif iddikjarat fil-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, l-uniċi kostijiet operazzjonali huma relatati

[4] Ara għal aktar informazzjoni r-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt, SWD (2023) 289.

mal-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-kumitat u tal-grupp ta' esperti, kif ukoll appoġġ għall-kontrolli tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni, jiġifieri approprjazzjoni operazzjonali ta' EUR 0,62 miljun taħt il-linja baġitarja eżistenti, kif ukoll nefqa amministrattiva ta' madwar EUR 0,342 miljun fis-sena. Din in-nefqa se tinvolvi riallokazzjoni interna ta' fondi mingħajr ebda żieda fl-ammont. L-ammonti msemmija mhux se jiżdiedu mill-proposta attwali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta ma fiha l-ebda dispożizzjoni fir-rigward tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar.

Madankollu, jekk/meta din il-proposta u l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jiġu approvati, l-Istati Membri se jkollhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, [fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha,] lill-korp (jew korpi) maħtur biex joħroġ, iġedded u jirtira l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dawn il-kards jew għad-dikjarazzjoni tal-kards invalidi.

L-Istati Membri se jkollhom jikkomunikaw ukoll lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tfassal ir-rapport regolari tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva. Wara l-adozzjoni ta' din il-proposta, din l-informazzjoni għandha tikkonċerna wkoll persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma tirrikjedi l-ebda dokument ta' spjegazzjoni għat-traspożizzjoni tagħha fid-dritt nazzjonali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

<u>L-Artikolu 1</u> jistabbilixxi l-għan tal-proposta.

<u>L-Artikolu 2</u> jipprevedi li l-proposta ma tbiddilx jew ma tagħtix drittijiet ġodda f'termini ta' mobbiltà lil ċittadini ta' pajjiżi terzi.

<u>L-Artikolu 3</u> fih id-definizzjoni ta' "ċittadin ta' pajjiż terz" għall-finijiet ta' din il-proposta.

<u>L-Artikoli 4</u> u <u>5</u> jipprevedu t-traspożizzjoni u d-dħul fis-seħħ, filwaqt li <u>l-Artikolu 6</u> huwa relatat mad-destinatarji.

2023/0393 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li testendi d-Direttiva [XXXX] għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2), il-punt b tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet minn persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru ieħor għal perjodu qasir, id-Direttiva …./… [proposta għal Direttiva][7] stabbiliet il-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard tal-UE tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus ta' diżabilità rikonoxxut għall-aċċess ta' kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà wiesgħa ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni, u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità[8].

(2) Biex tingħata għajnuna lill-Istati Membri biex jirrispettaw u jissodisfaw l-obbligi nazzjonali tagħhom ta' trattament ugwali u nondiskriminazzjoni vis-à-vis persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti fit-territorju tagħhom u li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [XXXX], u jiġi ggarantit ir-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istati Membri kollha, b'hekk jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u jiġu żgurati l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni aktar effettivi fis-soċjetà ta' persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq bażi ugwali maċ-ċittadini tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu estiżi r-regoli, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva./…. għal persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus

[5] ĠU C , , p. .
[6] ĠU C , , p. .
[7] COM(2023) 512 final
[8] COM(2023) 512 final

ta' diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

(3) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà, il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar, ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni tad-*data* tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità bħala prova rispettivament ta' status ta' diżabilità jew ta' dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll id-drittijiet għall-benefiċjarji, inkluż l-aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni, jew kundizzjonijiet ta' parkeġġ u faċilitajiet offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità jew għal persuni li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistenti personali tagħhom, stabbiliti fid-Direttiva ../…., japplikaw bl-istess mod għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-Unjoni u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

(4) F;konformità mal-Kapitolu 4 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[9], iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru jistgħu jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw liberament fit-territorji ta' Stati Membri oħra skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, skont l-acquis ta' Schengen, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri jistgħu jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw liberament fit-territorji tal-Istati Membri l-oħra kollha matul perjodu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21 ta' dik il-Konvenzjoni.

(5) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax ir-regoli applikabbli tal-Unjoni li jirregolaw il-mobbiltà fl-Unjoni kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment residenti fi Stat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, iżda minflok jenħtieġ li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw meta diġà jkollhom dan id-dritt għall-mobbiltà.

(6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-**Irlanda** ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

[*jew*]

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-**Irlanda** nnotifikat [, permezz ta' ittra ta' …] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

---

9 Il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj).

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-**Danimarka**, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(8) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu ffaċilitati l-possibbiltajiet ta' moviment, jew ivvjaġġar lejn Stati Membri oħra, għal persuni b'diżabilità (jew dawk li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom), li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tilħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli stabbiliti fid-[Direttiva (UE) XXXXX] japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva li l-istatus ta' diżabilità u/jew id-drittijiet tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità jkunu ġew rikonoxxuti mill-Istat Membru ta' residenza tagħhom, kif ukoll għal persuni li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi assistenti personali skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (d) ta' dik id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa r-regoli applikabbli tal-Unjoni li jirregolaw il-mobbiltà fl-Unjoni kollha, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

*Artikolu 3*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li la tkun ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u lanqas membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu skont it-tifsira tal-Artikoli 2(2) u 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE, u li hija legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru u hija intitolata li tiċċaqlaq jew tivvjaġġa lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva adottata fil-proċedura 2023/0311 (COD)*], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn jj/xx/ss [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva adottata fil-proċedura 2023/0311 (COD)*].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>

# Werrej


1. FRAMEWORK OF THE PROPOSAL/INITIATIVE ... 3

1.1. Title of the proposal/initiative ... 3

*1.2.* Policy area(s) concerned ... 3

1.3. The proposal/initiative relates to: ... 3

1.4. Objective(s) ... 3

1.4.1. General objective(s) ... 3

1.4.2. Specific objective(s) ... 3

1.4.3. Expected result(s) and impact ... 4

1.4.4. Indicators of performance ... 4

1.5. Grounds for the proposal/initiative ... 4

1.5.1. Requirement(s) to be met in the short or long term including a detailed timeline for roll-out of the implementation of the initiative ... 4

1.5.2. Added value of Union involvement (it may result from different factors, e.g. coordination gains, legal certainty, greater effectiveness or complementarities). For the purposes of this point 'added value of Union involvement' is the value resulting from Union intervention which is additional to the value that would have been otherwise created by Member States alone. ... 4

1.5.3. Lessons learned from similar experiences in the past ... 5

1.5.4. Compatibility with the Multiannual Financial Framework and possible synergies with other appropriate instruments ... 6

1.5.5. Assessment of the different available financing options, including scope for redeployment ... 6

1.6. Duration and financial impact of the proposal/initiative ... 7

1.7. Management mode(s) planned ... 7

2. MANAGEMENT MEASURES ... 8

2.1. Monitoring and reporting rules ... 8

2.2. Management and control system(s) ... 8

2.2.1. Justification of the management mode(s), the funding implementation mechanism(s), the payment modalities and the control strategy proposed ... 8

2.2.2. Information concerning the risks identified and the internal control system(s) set up to mitigate them ... 8

2.2.3. Estimation and justification of the cost-effectiveness of the controls (ratio of "control costs ÷ value of the related funds managed"), and assessment of the expected levels of risk of error (at payment & at closure) ... 8

2.3. Measures to prevent fraud and irregularities ... 8

3. ESTIMATED FINANCIAL IMPACT OF THE PROPOSAL/INITIATIVE ... 8

3.1. Heading(s) of the multiannual financial framework and expenditure budget line(s) affected ..... 9
3.2. Estimated financial impact of the proposal on appropriations ..... 10
3.2.1. Summary of estimated impact on operational appropriations ..... 10
3.2.2. Estimated output funded with operational appropriations ..... 13
3.2.3. Summary of estimated impact on administrative appropriations ..... 14
3.2.4. Compatibility with the current multiannual financial framework ..... 16
3.2.5. Third-party contributions ..... 16
3.3. Estimated impact on revenue ..... 17

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li testendi d-Direttiva [XXXX] għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà

L-aċċess għas-servizzi, għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, għall-attivitajiet u għall-faċilitajiet tal-persuni b'diżabilità

Il-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

**☐ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[10]**

**☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

#### *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-istess qafas kif stabbilit fil-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità japplika għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'diżabilità, li ma humiex diġà koperti minnha, meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew iżuru Stat Membru għal perjodu qasir. Dan japplika għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li jkunu intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

#### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

